# Beati u Qaddisin....Gunju

## 17 TA' GUNJU
## BEATA TEREZA TAL-PORTUGALL




Il-beata Tereza mill-Portugall li isimha lajk hu l-principessa Tereza Sanches de Portugal, kienet bint Sancio I . Nannietha paterni kienu Mafalda di Savoia, bint il-konti Amedeo III u Alfonso I Henriques, re tal-Portugall. Teresa twieldet fil-belt ta' Coimbra fis-sena 1181 u zzewwget lil Alfonso IX, re ta' Kastiglia u Leon.

Kellhom 3 ulied. Sancha, Dulce u Fernando. Fis-sena 1196 iz-zwieg taghhom kien dikjarat null ghax huma kienu jigu fil-qrib minn xulxin. Wara li miet zewgha, hija rtirat fil-kuvent tal-benedittini gewwa Lorvao li hi stess kienet waqfet zmien qabel u wara li qalbitu f'abbazia cistercensa fis-sena 1229 hija libset il-velu religjuz.

Tereza inqatghet mill-gid kollu li kellha biex tiftaqar ghal Kristu. Meta miet missierha Sancio I fis-sena 1211 qam xi nkwiet dinastiku izda fi zmien qasir gie solvut il-konflitt familjari imma Tereza baqghet tghix fil-kunvent ma' hutha s-sorijiet il-bqija ta' hajjitha. Hija mietet fit-18 ta' Gunju 1250 u giet midfuna fl-istess post fejn kienet tghix.